Kunsill Reġjun Punent
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **49**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Is-Siġġiewi: | Viċi Sindku is-Sur Ryan Cachia |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zmmit |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Ħal Safi | Sindku s-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Ħad-Dingli: | Sindku is-Sur Raymond Schembri |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:50 ta' filgħaxija.

**49.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**49.01.01** Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Steve Zammit Lupi u s-Sindku ta' Ħad-Dingli s-Sur Raymond Schembri.

**49.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 48;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 48 li saret nhar id-29 ta' April 2025.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**49.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

**49.03.01** Nhar it-30.04.25 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-Grant Agreement għall-fond tal-Kultura sabiex jiġi iffirmat mill-Kunsilli Lokali u rritornat lir-Reġjun. L-istess agreement ser ikun qed issir kemm għal fondi relatati mal-iskart kif ukoll ma' tal-ambjent.

**49.03.02** Nhar it-30.04.25 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sindki u Kunsilli Loklai sabiex dawk li huma interessati jattendu għal edizzjoni 'European Week of Regions and Cities 2025' li ser issir ġewwa il-Belġjum għandhom jibgħatulna id-dettalji sa' 07.05.25 minħabba li r-Reġjun ser ikun qed ikopri il-ħlasijiet tat-titjira.

**49.03.03** Nhar l-01.05.25 ikkollaborajna fl-attivita' sportiva *The Mqabba 5K Run & Walkathon in aid of ALS Malta.*

**49.04 Kommunikazzjoni mill-President**

**49.04.01** Nhar id-29.04.25 il-Maniġer tal-Ambjent għadda lill-Kunsill tar-Rabat ir-rapport irrevedut tac-City to City qabel ma jintbgħat l-EUI Maria Rauch.

**49.04.02** Nhar id-29.04.25 id-DG Vassallo infurmana li b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għal-Arti id-divizjoni qed tniedi Sejħa għal espressjoni ta' Interess bl-isem 'Minn Pjazza għal Pjazza. Bl-għan li jgħin il-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivitajiet ta' kwalità fil-pjazzez u spazji miftuħa tagħhom.

**49.04.03** Nhar it-30.04.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li Il-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) se jkun qed jorganizza sezzjoni ta' taħriġ dwar prattiċi utli ta' ġbir ta' fondi (fundraising).

**49.04.04** Nhar it-30.04.25 irċevejna mill-MCCAA wara laqgħa mal-Maniġer tal-Ambjent rigward ftehim annwali għall-ispezzjonijiet tal-bandi/Ġinnasji fil-miftuħ madwar l-10 Lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun. Infurmawna li bħalissa qegħdin fil-proċess ta' ristrutturar tas-sistema tal-prezzijiet b'hekk m'humiex f'pożizzjoni li jitħlu fi ftehim twil. Sakemm ir-ristrutturar jitlesta jkunu jistgħu jipprovdu s-servizzi fuq bażi ta' każ b'każ.

**49.04.05** Nhar it-30.04.25 il-Maniġer tal-Ambjent bagħat lis-Sur Attard mill-MCCAA lista ta' ġonna u faċilitajiet sportivi ta' barra sabiex niżguraw li jkollna linja bażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju għas-siti kollha għall-2025, u sussegwentement għall-monitoraġġ ta' dawn is-siti fuq bażi rikorrenti kull sena.

**49.04.06** Nhar it-30.04.25 il-President irċieva stedina għall-Konferenza Nazzjonali dwar 'L-Istat tan-Nazzjon' li ser issir nhar 06.06.25.

**49.04.07** Nhar it-30.04.25 il-Maniġer tal-iskart bagħat ir-rapport annwali għall-2024, inkluż id-dokument iffirmat, u 3 excel (2 ta' nofs is-sena u 1 annwali għall-2024) bħala referenza, u ċ-ċertifikati kollha ta' Irkupru/Rimi riċevuti mingħand il-Wasteserv għall-2024, kif ukoll ir-rapport tal-awditjar**.**

**49.04.08** Nhar it-30.04.25 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bgħatitilna ittra dwar inizjattiva li qed jaħdmu fuqha flimkien mal-Awtorità tat-transport sabiex jitwassal aktar gharfien rigward sigurtà fit-toroq, b'enfasi specjali fuq l-anzjani fil-komunitajiet tagħna.

**49.04.09** Nhar it-30.04.25 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bgħatitilna ittra dwar inizjattiva li qed jaħdmu fuqha flimkien mal-Awtorità tat-transport rigward rigward il-proġetti pedonali jew ta' mobilità sostenibbli li saru jew qed isiru fil-komunitajiet.

**49.04.10** Nhar l-01.05.25 sar football tournament b'kollaborazzjoni ma' Kirkop FC fejn il-parteċipanti ħadniehom dawra bil-karozza tal-linja antika u urejniehom postijiet ta' nteress kulturali li nsibu ġewwa Ħal Kirkop.

**49.04.11** Nhar it-02.05.25 irċevejna Cir AKL 2025/031_Kwestjonarju Kunsilliera Lokali. Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u s-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, nistednuk tipparteċipa fl-inizjattiva ta' riċerka mmirata lejn it-tisħiħ tat-tfassil ta' politika għall-governanza lokali abbażi ta' riċerka. Dan il-kwestjonarju huwa parti minn proġett biex jiġu identifikati sfidi komuni u jiġu esplorati soluzzjonijiet.

**49.04.12** Nhar it-02.05.25 irċevejna mill-Assoċjazzjoni li flimkien mal-Awtorità tat-Trasport sabiex ninnominaw sa massimu ta' żewġ rappreżentanti mir-Reġjun jew persuna mill-Kunsill biex jattendu t-taħriġ dwar il-Mobilità Urbana.

**49.04.13** Nhar it-02.05.25 irċevejna it-tieni allokazzjoni għall-2025 li tammonta għal €551,912.21.

**49.04.14** Nhar il-05.05.25 irċevejna mill-ERA li n-nomini għall-premjijiet ERA 2025 tnedew flimkien ma' sett ta' kategoriji ġodda.

**49.04.15** Nhar il-05.05.25 irċevejna mill-MTA opportunita' biex ikunu reklamata attivitajiet kulturali billi wieħed jissottometti l-avvenimenti fuq link provdut u ntellgħu l-immaġini bid-dimensjonijiet korretti. L-avvenimenti jridu jittellgħu bl-Ingliż u huma soġġetti għall-approvazzjoni.

**49.04.16** Nhar il-05.05.25 irċevejna ir-rata ta' €400 + VAT għall-ispezzjonijiet ta' bandli li jinkludi rapport komprensiv.

**49.04.17** Nhar il-05.05.25 irċevejna Cir AKL 2025/032-_First Aid & AED Training 2025. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tħallas l-ispiża totali ta' persuna waħda minn kull Kunsill Reġjonali/Lokali. L-Kunsill ser ikun mitlub iħallas l-ispiża ta' ħamsa u ħamsin ewro (€55) għal kull persuna li tattendi apparti dik imħallsa mill-AKL.

**49.04.05** Nhar is-06.05.25 irċevejna Cir AKL 2023/045_LESA - Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal. Fejn infurmawna li dan il-ftehim ser ikun qed jiskadi nhar it-12.05.25 b'hekk il-google sheet għanda tiġi aġġornata bl-informazzjoni kollha.

**49.04.06** Nhar is-06.05.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Kunsill Malta għall-Arti fetaħ skema Appoġġ għall-Arti. Din tinkoraġġixxi lill-applikanti biex jindirizzaw bżonnijiet speċifiċi tal-komunitajiet bħall-parteċipazzjoni kulturali, is-solidarjetà, il-ġustizzja soċjali, ir-responsabbiltà ambjentali, is-sostenibbiltà, l-iżvilupp tal-komunità u benessri olistiku aħjar. Din tappoġġja lill-artisti, il-professjonisti kulturali u kreattivi kif ukoll lill-kommunitajiet. L-ammont massimu eliġibbli għal kull proġett huwa ta' €30,000 u L-iskema tkopri sa 80% tal-ispejjeż totali tal-proġett. Għaqdiet volontarjiji skritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, Professjonisti kreattivi/Artisti individwali, Kooperattivi rreġistrati, Gruppi, kollettivi u konsorzji u Entitajiet irreġistrati mal-Malta Business Registry jistgħu japplikaw.

**49.04.18** Nhar is-06.05.25 irċevejna mill-ERA li nhar 17.05.25 ser tkun qed torganizza sessjonijiet ta' informazzjoni fl-istazzjonijiet tagħha ta' moniteraġġ tal-Kwalità tal-Arja li ser ikunu miftuħa għall-pubbliku u fuq bażi ta' *first come first serve*. Is-sessjonijiet għandhom l-għan li jqajjmu kuxjenza dwar xogħlijiet ta' moniteraġġ tal-kwalita tal-arja tal-ERA u jimpenjaw ruħhom mal-komunità lokali. L-uffiċjali tagħna se jkunu fuq il-post biex juru lin-nies madwar u jispjegaw il-funzjonijiet ta' dawn l-istazzjonijiet.

**49.04.19** Nhar is-06.05.25 irċevejna CIR AKL 2025/033 Post Vakant Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - Uffiċjal Amministrattiv I Skala 12.

**49.04.20** Nhar is-06.05.25 irċevejna mill-GREENMT li jixtiequ laqgħa mar-Reġjuni sabiex jiġi diskuss packaging waste u WEEE. Huwa l-għan tal-PRO li tivvaluta r-riżultati attwali fir-rigward tal-ġbir ta 'skart tal-imballaġġ fir-rigward tal-mira u kif dan jista' jittejjeb bl-għajnuna tal-PRO. Din saret nhar 19.05.25.

**49.04.21** Nhar is-07.05.25 irċevejna mill-Project Aegle Foundation dwar opportunità ta' proġett taħt programm iffinanzjat mill-EU. Pathways2Resilience, allinjat mal-Missjoni tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima. L-inizjattiva għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza għall-klima f'mill-inqas 150 reġjun u komunità Ewropej sal-2030. Permezz ta' Vjaġġ ta' Reżiljenza Reġjonali ta' 18-il xahar, muniċipalitajiet u reġjuni magħżula se jitgħallmu jiżviluppaw il-mogħdijiet tagħhom ta' reżiljenza għall-klima bbażati fuq riskji, prijoritajiet u ambizzjonijiet lokali. Kull reġjun parteċipanti se jirċievi €210,000 f'fondi ta' għotja ta' 100%, kif ukoll appoġġ tekniku, opportunitajiet ta' tagħlim bejn il-pari, u aċċess għal netwerk Ewropew ta' esperti u istituzzjonijiet tal-adattament għall-klima.

**49.04.22** Nhar it-08.05.25 irċevejna PQ 28061-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali – Kiri ta' karozzi – Nefqa. L-ONOR Julie Zahra staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali:

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 24398 u 24909 u jgħid kemm intefqu flus biex inkrew karozzi taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, minn Ġunju 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż informazzjoni dwar il-mudell tal-karozzi li nkrew, minn liema kumpanija nkrew, id-data tal-bidu u t-tmiem ta' kull kirja, jekk inkrewx b'direct order jew b'tender pubbliku, l-ammont li nkrew u jagħti l-pożizzjoni u l-grad tal-persuna għal min inkriet kull karozza? Jista' jagħti din l-informazzjoni fil-format li qed jingħata separatament?

Ir-Reġjun Punent wieġeb illi intefqet is-somma ta' Eur9,360 VAT eskluż fuq kirja ta' karozza.

**49.04.23** Nhar it-08.05.25 irċevejna Cir AKL 2025/034_Sejħa għall-Parteċipazzjoni f'Tournament Nazzjonali tad-Draughts għall-Kunsilli Lokali. L-Assoċjazzjoni esprimiet ix-xewqa li tikkollabora mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex tinagħta spinta ġdida lil dan l-isport u ngħinu lit-tfal jerġgħu jiskopruh. Għalhekk, ser tiġi organizzata kompetizzjoni (tournament) fuq ġurnata waħda. Il-Kunsilli Lokali li jixtiequ jipparteċipaw huma mistennija jinnominaw persuna waħda (preferibbilment Kunsillier jew Kunsilliera) li

tirrappreżenta l-lokal tagħhom. Wara t-tournament, l-Assoċjazzjoni qed tippjana li toffri assistenza sabiex possibilment jingħata taħriġ lit-tfal u żgħażagħ li jixtiequ jilgħbu din il-logħba fuq livell aktar kompetittiv.

**49.02.24** Nhar id-09.05.25 irċevejna mingħand il-Ministeru għall-Edukazzjoni, sport, żgħażagħ, riċerka u innovazzjoni nediet skemi differenti bl-għan li jgħinu finanzjarjament li kull individwu biex ikompli jsegwi l-istudju tiegħu.

**49.04.25** Nhar id-09.05.25 irċevejna PQ 28135-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Xiri ta' karozzi ġodda – Nefqa Qed ngħaddi din il-PQ għall-attenzjoni tagħkom sabiex tiġi mwieġba, anke jekk it-tweġiba hija NIL, sa mhux iktar tard minn nhar It-Tlieta 13 ta' Mejju 2025 - 10:00.

*B'riferenza għall-PQ 24381 - Xiri ta' karozzi Ġodda (Jannar 2025), ġejna mitluba naġġornaw l-informazzjoni minn Ġunju 2022 sal-aħħar t'April 2025, kif ukoll nindikaw in-nefqa eskluża mill-VAT. Għalhekk, jekk jogħġobkom, aġġornaw l-informazzjoni li diġà intbgħatet billi timlew it-tabella mehmuża. Huwa IMPORTANTI li l-figuri indikati fil-kolonna G tat-tabella ma jridux jinkludu VAT.*

PQ 28135- Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Xiri ta' karozzi ġodda – Nefqa

L-ONOR Julie Zahra staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali:

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 24381 u 24767 u jgħid kemm intefqu flus biex inxtraw karozzi ġodda taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, minn Ġunju 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż informazzjoni dwar il-mudell tal-karozzi li nxtraw, minn liema kumpanija u meta nxtraw, jekk inxtrawx b'direct order jew b'tender pubbliku, l-ammont li nxtraw, u jagħti l-pożizzjoni u l-grad tal-persuna għal min inxtrat kull karozza? Jista' jippreżenta l-informazzjoni fil-format hekk kif indikat separatament?

Ir-Reġjun Punent wieġeb li ma nxtrat l-ebda karozza.

**49.04.26** Nhar it-12.05.25 irċevejna mingħand is-Sur Agius għall-informazzjoni rigward il-ħaddiema mal-Kunsilli Lokali fuq skemi ta CIES, RSSL, Community Workers Scheme jew oħrajn. Ir-Reġjun m'għandu ebda ħaddiem fuq it-tali skemi.

**49.04.27** Nhar it-12.05.25 irċevejna Cir AKL 2025/035_ALDA Local Training on the EU Charter of Fundamental Rights. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni Ewropea għad-Demokrazija Lokali (ALDA) ser tkun qed toffri taħriġ lill-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi, Uffiċjali Maniġerjali, ħaddiema klerikali u ħaddiema mill-FSWS.
It-taħriġ se jkun qed jiffoka fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

**49.04.28** Nhar it-12.05.25 irċevejna mill-ministeru għas-saħħa u l-Anzjanità Attiva flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għal Gvern Lokali, għal konferenza tal-Aħbarijiet bit-tema "Ninvestu fis-saħħa mentali ta' xulxin" nhar il-Ħamis 15 ta' Mejju 2025 fil-11:30am fl-Awla Magna l-Universita l-antika l-Belt Valletta.

**49.04.29** Nhar it-12.05.25 il-President informa lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li r-Reġjun ser ikun nefaq il-fondi kollha disponibbli għal fond tal-LESA.

**49.04.30** Nhar it-13.05.25 irċevejna mill-Università fejn infurmawna li ser ikunu qed jiġbru feedback dwar it-totems tal-mixi u ċikliżmu fir-reġjun. Bagħtulna survey sabiex nimlew/nqassmuh mal-komunità u fuq il-midja socjali.

**49.04.31** Nhar it-13.05.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej issottomiet il-proġett Unity.

**49.04.32** Nhar it-13.05.25 irċevejna tfakkira fuq Cir AKL 2025/015_SAGE and Book Keeping Course. Id-dati tal-Book Keeping (MQF 3) se jkunu nhar nhar it-Tlieta 10, l-Erbgħa 11 u l-Ġimgħa 13 ta’ Ġunju ġewwa TCTC Naxxar mit-8am sa 12pm. Għalih ser ikunu qed jattendu TF u AV.

**49.04.33** Nhar it-13.05.25 irċevejna li bejn 21-25.05.25 ser ikun hemm il-Public Service Expo. Nirrimarka li l-AKL ma tħallietx tipparteċipa f’din l-EXPO.

**49.04.34** Nhar l-14.05.25 irċevejna stedina mingħand is-Sa Young minn Flimkien għal Ambjent Aħjar għal konferenza bl-għan li tiġbor esperti u awtoritajiet ewlenin fuq panel għal diskussjoni fuq 2 mozzjonijiet.

Mozzjoni 1: Qligħ mit-Tniġġis - Distribuzzjoni irregolari tal-profitti u l-piżijiet tat-tniġġis; impatti fuq il-benessri tal-komunità u l-kwalità tal-ħajja; kritika tas-sistemi li jippermettu t-tniġġis.

Mozzjoni 2: Interrogazzjoni dwar it-Takeover ta' Spazju Pubbliku - Encroachment fuq l-ispazji pubbliċi ta' Malta; impatti fuq il-komunitajiet, l-aċċessibbiltà, u l-kwalità tal-ħajja; analiżi tal-kummerċjalizzazzjoni, il-privatizzazzjoni, u l-iżvilupp.

**49.04.35** Nhar il-15.05.25 irċevejna mill-ACM li ser ikunu qed jinkludu slot ta’ ħames minuti għal kull Reġjun li qed jipprepara biex ikollu t-titlu ta’ Reġjun tal-Kultura. Talbu lil ROCs preċedenti biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom,bl-idea li jaqsmu esperjenzi, u li tiskambja ideat mir-reġjuni li diġà kellhom it-titlu. Sezzjoni qasira addizzjonali tas-seminar se tkun iddedikata għall-aħjar prattiċi reġjonali.

**49.04.36** Nhar il-15.05.25 irċevejna korrispondenza mill-AKL mibgħutha mis-CEMR rigward laqgħa dwar l-Adattament tal-Klima u l-Patt għal Industrija Nadifa li saret online nhar 16.05.25.

**49.04.37** Nhar il-15.05.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Energy and Water Agency (EWA) ħabbret inizjattiva indirizzata għall-għaqdiet volontarji biex tgħinhom fit-tnaqqas tal-konsum tal-enerġija u l-ilma kkunsmat. Din l-inizjattiva tgħin lill-għaqdiet volontarji biex jagħmlu studju tekniku biex jassessjaw il-potenzjal li:
- Jitwaħħlu jew jiżdied in-numru ta’ pannelli fotovoltajċi fuq bini li jintużaw mill-għaqda
- Jiġu identifikati proċessi effiċjenti fl-użu tal-enerġija
- Jiġu implimentati proġetti effiċjenti fil-konsum tal-ilma

L-għotja massima f’din l-inizjattiva tlaħħaq is-somma ta’ €5,000 (VAT inkluża).

**49.04.38** Nhar il-15.05.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Malta Council for voluntary sector se tkun qed torganizza sezzjoni ta’ Speed Networking nhar 28.05.25 għall-għaqdiet volontarji. Jistgħu jattendu sa’ tliet (3) membri minn kull għaqda volontarja għal din l-attività.

**49.04.39** Nhar is-16.05.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li Is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Riċerka u l-Innovazzjoni nieda l-Iskema għall-Iżvilupp u l-Innovazzjoni fil-Komunità għal din is-sena. L-għan ta’ din l-iskema huwa li tingħata għajnuna finanzjarja lill-NGOs u għaqdiet volontarji biex iwettqu proġetti relatati mal-innovazzjoni fil-komunitajiet (b’ enfasi fuq ix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika).

**49.04.40** Nhar is-16,05.25 irċevejna mis-Sa Armeni li l-istudenti li jixtiequ jaħdmu fis-servizz pubbliku u fis-settur matul is-sajf għandhom jissottomettu t-talbiet tagħhom.

**49.04.41** Nhar is-16.05.25 ġie iffirmat l-MOU mal- Kunsill Malti għall-Arti fuq il-PGIS (Partecipatory

Geographic Information Systems). Dan se jwassal għal inizjattiva fuq skala nazzjonali li se tiddokumenta l-wirt divers ta' Malta u Għawdex, fil-forom varji tiegħu, sabiex ikompli jiġi ppreservat.

**49.04.42** Nhar it-02.06.25 ser issir it-tieni laqgħa tar-Regional Children's Council.

**49.04.43** Nhar l-24.06.25, id-DlG ser ikun jorganizza Regional Managers Forum - Sharing Good Practices

## 49.05 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.

**49.05.01** Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri staqsa jekk hemmx xi informazzjoni dwar il–kwistjoni tal-fondi tal-kumitat konġunt. Il-President wieġeb li qatt iżjed ma irċevejna informazzjoni rigward din il-materja u għalhekk tajjeb li nistaqsu lid-Dipartiment.

**49.05.02** Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa staqsiet jekk hemmx informazzjoni rigward il-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma fl-uffiċini tal-Kunsilli Lokali. Il-President wieġeb li sa issa ma kien hemm hemm direzzjoni fuq meta din ser tkun qed iseħħ.

**49.05.03** Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus staqsa jekk hemmx informazzjoni fuq kif u meta ser tingħata iż-żieda fl-onorajra tas-Sindki u Kunsilliera hekk kif mħabbra mill-Gvern. Il-President wieġeb li m'ingħatajna ebda informazzjoni.

**49.05.04** Is-Sindku ta' Ħal Kirkop ressaq talba jekk tistax issir laqgħa ma rappreżentanti tal-LESA sabiex jiġu diskussi l-permessi u l-prezzijiet tagħhom.

## 49.06 Tqegħid ta' Dokumenti/Rapporti

**49.06.04** Kwotazzjoni RFQ218/2025 – Request For Quotation for the Supply and Installation of Zebra Blinds

**49.06.05** Kwotazzjoni RFQ 219/2025 – Request For Quotation for Garage Space

**49.06.06** Kwotazzjoni RFQ220/2025 – Request For Quotation for the Service of an Accountant

**49.06.07** Kwotazzjoni RFQ221/2025 – Request For Quotation for Flight Tickets

## 49.07 Approvazzjoni ta' Xiri

**49.07.04** Kwotazzjoni RFQ218/2025 – Request for Quotation for the Supply and Installation of Zebra Blinds

Il-President informa li ntbagħtu seba' (7) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna zewg (2) offerti. Il- President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**49.07.05** Kwotazzjoni RFQ219/2025 – Request for Quotation for Garage Space

Il-President informa li ntbagħtu erba' (4) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna offerta waħda (1) biss. Il- President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal-Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**49.07.06** Kwotazzjoni RFQ220/2025 – Request for Quotation for the service of an accountant.

Il-President informa li ntbagħtu tlett (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett (3) offerti. Il- President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament

**49.07.07** Kwotazzjoni RFQ221/2025 – Request For Quotation for Flight Ticekts

Il-President informa li ntbagħtu tlett (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett (3) offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba is-Sa. Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**49.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.37**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 37.

Proponent: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

**49.09 Management Letter**

Il-President Sandro Azzopardi ta' spjega fid-dettal u ressaq għall-approvazzjoni r-risposti tal-management letter.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi s-Sur David M. Schembri

Il-Kunsill qabel unanimament.

**49.10 Kuntratt Indefinit – Maniġier tal-Ambjent**

Il-President informa li l-kuntratt tal-Environment Manager se jagħlaq fit-13 ta' Ġunju 2025 u ppropona li kemm il-darba ma hemmx oġġezzjoni jiġi mġedded il-kuntratt b'mod indefinit.

Sekondant: Is-Sindku ta' Mdina is-Sur Peter Sant Manduca
Il-Kunsill qabel unanimament

**49.11 Materji Oħra**

**49.11.04 AGM – Laqgħa Ġenerali Annwali**

Il-President ippropona sabiex l-AGM issir nhar l-20.06.25 ġewwa is-Sala Ċentru Kristu Ragħaj is-Seminarju/

Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa

Il-Kunsill qabel unanimament.

**49.11.05 Ġbir ta' skart bil-lejl**

Il-President tella' għad-diskussjoni it-tema tal-ġbir tal-iskart bil-lejl u ddiskuta mal-membri tal-Kunsill diffikultajiet li din iġġib magħha. Il-membri preżenti urew nuqqas ta' qbil ma' din il-proposta.

**49.12 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **l-Erbgħa 18 ta' Ġunju 2025 fil-17:30.**

Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

Tania Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum